**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

CHAIRPERSON

Rikors Nru 328/2021 LC

**JOHN MARY SIVE JIMMY AGIUS (KI 0932945M)**
**NAZZARENO SIVE RENO AGIUS (KI 312050M)**
**VINCENT AGIUS (KI 173548M)**
**MIKELINA AZZOPARDI (KI 0138241M)**
**MARY ROSE AGIUS (KI 1069944M)**
**JOSEPHINE FALZON (KI 324146M)**
**GEORGE AGIUS (KI 24560M)**
**ROSARIA CARUANA (KI 536554M)**
**ROZINA AGIUS (KI 307757M)**
**PAULINE ZAMMIT (KI 76569M) U**
**GORGA KARAYIANNIS (KI 423758M)**
**PAULINE ZAMMIT (K.I. 76569M)**
**MANUEL SCICLUNA (KI 1756673M)**
**U B'DIGRIET DATAT IL-11 TA' OTTUBRU 2021 AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 175 TAL-KAP. 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA, GUŻEPPI ĊINI U RITA AZZOPARDI ĠEW ESTROMESSI MILL-INKWILINI U ĠEW INDIKATI BĦALA KO-RIKORRENTI;**

VS

**ROSARIO FALZON (K.I. 560555M) U**
**VENERA FALZON (K.I. 259556M)**
**FIL-KWALITÀ TAGĦHOM BĦALA INKWILINI**

**U**

**GEORGE CINI (K.I. 45953M), MARY GALEA (K.I 176060M), TERENCE CINI, MELVIN CINI, MARIA CINI**

**GUŻEPPI ĊINI U RITA AZZOPARDI LI B'DIGRIET DATAT IL-11 TA' OTTUBRU 2021 AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 175 TAL-KAP. 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA, ESTROMESSI MILL-INKWILINI U ĠEW INDIKATI BĦALA KO-RIKORRENTI;**

**JOHNNY CINI (K.I. 43896M) GĦAL KULL INTERESS LI JISTA' GĦANDHOM BĦALA KOMPROPJETARJI F'DINA L-KAWŻA**

Illum, 20 ta' Marzu, 2023

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' John Mary sive Jimmy Agius et fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

1. Jordna reviżjoni fil-kera u jistabbilixxi kundizzjonijiet ġodda fuq il-kirja tal-fond 4, Alley No 10, Valley Road, Qormi, u jappunta perit sabiex jiġi stabbilit il-valur tal-fond għal dan il-għan.

2. Jordna lill-intimati u/jew lill-Awtorita kompetenti kemm -il darba jkun il-każ, jħallsu dik il-kera ġdida hekk stabbilita minn dan il-Bord.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew minn minnhom, u dana mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju ieħor spettanti lir-rikorrenti skond il-liġi.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tas-17 ta' Settembru, 2021 fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jridu japprovaw t-titolu tagħha u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond (ii) l-atturi wkoll għandhom jipproduċu u jesebixxu d-dikjarazzjonijiet causa mortis tad-defunti awturi tagħhom; (iii) il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti u; (v) illi l-Periti maħtura bil-liġi għandhom jagħtu l-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih issir ir-rikors u (vi) f'każ li l-inkwilini jissodisfaw t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimati Venera Falzon u Rosario Falzon tat-23 ta' Settembru, 2021 fejn sommarjament, eċċepixxew li:

1. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad illi l-kera mħallsa mill-intimati hija waħda ġusta;

2. Illi fil-mertu wkoll u bla preġudizzju għas-suespost, jingħad li żgur u mhux forsi, l-intimati jissodisfaw l-kriterji tat-test tal-mezzi hekk kif stabbilit fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11 (Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-artikolu 1622A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perjodi relevanti u dan peress illi kwalunkwe dħul u kapital huwa ferm anqas minn dak maħsub f'dan l-istess test;

3. Illi la darba d-dħul u l-kapital tal-esponenti huwa ferm inqas minn dak li maħsub fil-Liġi, m'għandux jkun hemm l-ebda

awment u dan senjatament tenendo conto tad-dħul u l-kapital limitat tal-esponenti

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost, kemm-il darba dan l-Onorabbli Bord jgħaddi sabiex jistabbilixxi l-kirja pagabbli ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-Bord għandu jagħmel dan biss wara li jqis il-benefikati estensivi li saru mill-intimati fil-fond u dan ukoll sabiex ma jinħoloqx piż sproporzjonat għall-esponenti;

5. Illi bla preġudizzju għas-suespost, kemm-il darba dan il-Bord jistabbilixxi kirja pagabbli ai termini tal-Att XXIV tal-2021, dan il-Bord għandu jordna li kwalunkwe żieda fil-kera m'għandiex tkun ir-rata massima ta' tnejn fil-mija (2%) iżda għandha tqarrab aktar lejn il-minimu u/jew b'rati miżjuda gradwalment – hekk kif huwa fid-diskrezzjoni tal-Bord li jordna;

6. Illi in oltre u bla preġudizzju, ir-rikorrenti mhumiex is-sidien uniċi tal-fond u għalhekk din il-kawża hija improponibbli u t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda;

7. Illi fi kwalunkwe każ, it-talbiet tal-atturi huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jingħataw waqt il-prosegwiment tal-kawża

Ra r-risposta ta' George Ċini, Mary Galea u John Ċini datata d-9 ta' Frar 2022 fejn eċċepew:

1. Illi l-esponenti mhumiex leġittimi kontraditturi fil-kawża odjerna u dan għaliex huma m'għandhomx ko-proprjetarji tal-fond 4 Alley No 10 Valley Road, Qormi u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Il-partijiet kollha fil-kawża kienu lkoll ko-propjetarji tal-fond bl-indirizz fond 4 Alley No 10 Valley Road, Qormi.

3. Illi l-esponenti kellhom sehem indiviż ta' tnejn u għoxrin minn tliet mija u sitta u tletin (22/336) ishma indiviżi mill-proprjetà surreferita.

4. Illi fil-11 ta' Novembru 2021 l-esponenti bejniethom qablu li jitrasferixxu l-porzjon tagħhom fil-proprjetà bl-indirizz fond 4 Alley No 10 Valley Road, Qormi fuq oħthom Venera Falzon li hija wkoll komproprjetarju tal-istess fond filwaqt li hija wkoll inkwilina fil-fond.

5. Illi dan it-trasferiment sar permezz ta' donazzjoni quddiem in-Nutar Dorianne Arapa datat il-11 ta' Novembru 2021 annessa u mmarkata dok. A

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tat-23 ta' Awwissu, 2021, l-intimati wettqu it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, il-Perit Marie Louise Caruana Galea u l-Perit Rene Cutajar, senjatament ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sidien tal-kera tal-fond jadixxu lil dan il-Bord u jitolbu żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta’ abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessità jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimati humiex l-inkwilini ta’ dan l-istess fond.

Illi skont ma jirriżulta mid-dikjarazzjoni magħmulha min-Nutar Dottor Cheryl Ann Aquilina Polidano, oriġinarjament id-dante kawża tar-rikorrenti, senjatament Mikelina u Gio Maria Gatt wirtu numru ta' proprjetajiet fi sqaq numru 10 Valley Ħal Qormi mill-poter ta' Caterina Lojacono u dan in forza tat-testment redatt fl-atti tan-Nutar Gioacchino Cardona data it-3 ta' Diċembru 1893. Gio Maria Gatt miet fit-23 ta’ Jannar 1918 u wirtuħ uliedu Maria Gatt, Caterina Agius, Rosina Agius, Carmela Sammut, Antonio Gatt, Concetta Coppola u Martino Gatt u sehemhom baqa jintiret mis-superstiti, foshom ir-rikorrenti.

Illi permezz ta’ Att ta’ Donazzjoni ppublikat min-Nutar Dottor Dorianne Arapa fil-11 ta’ Novembru 2021, ir-rikorrenti George Cini, Mary Galea u John Ċini taw sehemhom ta 22/336 lill-intimati Rosario Falzon u Venera Falzon b’donazzjoni. Illi dan is-sehem, madanakollu, ġie rivedut għal 165/1798 sehem bid-dikjarazzjoni

magħmulha min-Nutar Dottor Cheryl Ann Aquilina Polidano kif spjegat aktar 'l isfel.

Illi r-rikorrenti George Cini, Mary Galea u John Ċini ddikjaraw fir-risposta tagħhom illi l-intimati huma kemm l-inkwilini kif ukoll kompropjetarji ta' dan il-fond.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt iddikjarat mid-dokumenti u d-dikjarazzjoni msemmija u b'hekk, abbażi ta' dan, il-Bord huwa sodisfatt li r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera filwaqt li l-intimati huma l-inkwilini ta dan il-fond.

Ikkonsidra;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimati Rosario Falzon u Venera Falzon kkalkolat ai termini tar-Regolament 3(a), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(6) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimati ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(5) tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimati Rosario Falzon u Venera Falzon <u>ma jeċċedix</u> il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement

**jissodisfaw** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'dar bi tlett ikmamar tas-sodda fuq żewġ sulari. Possibilment, il-fond kien jifforma parti minn binja ħafna ikbar tant li għandu kantina taħt terzi, bejt fuq terzi u anke twieqi li jagħtu għal fuq terzi.

Il-periti, wara li ħadu konjizzjoni tal-inkarigu tagħhom u tenut kont l-abitazzjoni u d-daqs tagħha, il-valur tal-propjetà fis-suq liberu huwa ta' mitejn u erbgħin elf Ewro (€240,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu*

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

*jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom”*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimati u tal-età tagħhom, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta’ 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta’ erbat’ elef u tmien mitt Ewro (€4,800) fis-sena;

Ikkonsidra;

Illi stabbilit l-awment fil-kera kif ukoll stabbilit li l-intimati huma ko-propjetarji tal-fond de quo, il-Bord ser jgħaddi biex japplika d-dispodizzjoni tal-Artioklu 4A(9) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta il jistipola:

*“(9) Id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll fil-każijiet fejn teżisti komunjoni tal-beni fuq id-dar ta’ abitazzjoni u l-kerrej huwa komproprjetarju tal-istess dar ta’ abitazzjoni. Meta dan ikun il-każ il-Bord għandu jikkunsidra s-sehem tal-kerrej fid-dar ta’abitazzjoni mikri u jnaqqas kwalunkwe parti mill-ammont ta’ kera ġdid pagabbli minnu lil-komproprjetarji l-oħra proporzjonalment;”*

Illi għalkemm mill-Att ta’ Donazzjoni ppublikat min-Nutar Dottor Dorianne Arapa dil-11 ta’ Novembru 2021, ir-rikorrenti George Cini, Mary Galea u John Cini iddonaw sehem ta 22/336 lill-intimati Rosario Falzon u Venera Falzon b’donazzjoni, mid-dikjarazzjoni tan-Nutar Cheryl Ann Aquilina Polidano jirriżulta li s-sehem li l-imsemmija rikorrenti kellhom huwa ta 165 sehem indiviż minn

1798. Din id-diskrepanza feġġet peress li fl-Att ta' Donazzjoni in-Nutar Arapa kienet eżenti milli tagħmel ir-riċerki filwaqt li n-Nutar Aquilina Polidano għamlet riċerki approfonditi.

Fid-dawl ta dan, il-Bord ser jistrieħ fuq l-ishma dikjarati min-Nutar Dottor Cheryl Ann Aquilina Polidano u jiddikjara illi l-intimati għandhom 165 sehem indiviż minn 1798, ċioè 9.2% tal-propjetà.

Dan ifisser li l-kera dovuta mill-intimati għandha tiġi mnaqqsa bl-ammont ta €441.60[2] biex b'hekk tiġi €4,358.40.

Ikkonsidra;

Illi kif sopra msemmi, George Cini, Mary Galea, John Cini, Maria Cini u Anna Cini  taw b'donazzjoni lill-intimati Rosario Falzon u Venera Falzon sehemhom minn din il-propjetà permezz tal-Att ta' Donazzjoni ippublikat min-Nutar Dottor Dorianne Arapa fil-11 ta' Novembru 2021. Peress illi mit-trasferenti kollha, George Cini, Mary Galea u John Cini biss huma r-rikorrenti, il-Bord ser jgaddi biex jilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta George Cini, Mary Galea u John Cini u jilliberhom mill-osservanza tal-ġudizzju b'dan illi għandhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom peress li d-donazzjoni saret wara l-intavolar tal-preżenti kawża.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-kawża billi:

---

[2] €4,800 x 9.2% = €441.60

1. Jilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' George Cini, Mary Galea u John Cini u jilliberhom mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Jilqa' l-ewwel talba u t-tieni talba tar-rikorrenti u jiddikjara illi l-kera tal-fond li jinsab f' 4, Alley No. 19, Valley Road, Qormi għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2021 u konsegwentement jawmenta l-kera fuq il-fond għat-total ta erbat' elef u tmien mitt Ewro (€4,800) iżda peress li l-intimati huma s-sidien ta' 9.2% sehem mill-propjetà, jiddikjara illi l-kera pagabbli mill-intimati lir-rikorrenti hija ta' erbat elef, tlett mija u tmienja u ħamsin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€4,358.40) fis-sena u jordna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti *in solidum* din il-kera ta' €4,358.40 b'effett mid-data tal-lum, bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erba skadenzi fis-sena, senjatament fl-ewwel ta' Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena;

3. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**